MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 522/2012

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi hija zzewwget lill-intimat fis-6 ta’ Settembru tas-sena elf disa` mija sebgha u disghin (1997) – Certifikat taz-zwieg anness Dok. ‘A’.

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt ppubblikat in atti Nutar Dorianne

Arapa  datat sebgha (7) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) – kopja annessa Dok. ‘B’.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, G li twieldet fis-sitta (6) ta’ Gunju tas-sena elfejn (2000) u Zach li twieled fit-(13) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003), u l-manteniment dovut ghalihom  mill-intimat dejjem gie mhallas.

Illi r-rikorrenti ddekadit ghad-dritt taghha li tircievi manteniment minghand l-intimat, filwaqt li l-intimat irrinunzja irrevokabbilment ghad-dritt tieghu li jircievi manteniment minghand ir-rikorrenti.

Illi ghaddew aktar minn erba` snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom *de facto* separati, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet .

Talbet  li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddidikjara li z-zwieg taghha mal-intimat C D bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi u danakollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Ottubru, 2012;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta’ Marzu, 2012 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------